## Mitt Sena ilu fil-Bażilika Elenjana



# Il-Kappelluni - L-Aħħar Fażijiet tal-Pittura ta' Monti

minn Philip Xuereb

Sal-bidu ta' Awwissu 1908, fil-proċess ta' dekorazzjoni bl-affresk tal-Kolleħħjata Elenjana, il-pittur minn Genzano di Roma, Virginio Monti, kien lesta l-koppla, il-kor, l-Evanġelisti ta' taħt il-koppla u l-korsija kollha bit-tarf apsidat tagħha. Kien joqos allura iż-żewħ kappelluni bl-arzelel tagħhom. Din kellha tkun l-aħħar fażi tal-affreskar tal-Monti f'Santa Liena.

Mill-korsija l-istorja tkompli fil-kappellun tal-Kurċifiss fejn, approprjatament ħafna mat-tema tal-artal, il-Monti, fuq it-tema li kien żviluppa l-espert imqabbad mill-Kapitlu Karkariż, il-Kanonku Dr. Don Salvatore di Pietro minn Palermo, pitter żewħ xeni li għandhom x'jaqsmu mas-Salib Imqaddes.





Hawn ta' min jgħid li meta ġie biex ipitter l-arzelel ta' dawn il-kappelluni, Monti kien ġiegħel li jitneħħew dekorazzjonijiet ta' skultura, bħalma għad hemm fl-arzella tal-kor, u li kienu jagħmlu parti minn prospettivi settećenteski, li kienu tneħħew fuq insistenza tal-Isqof ta' Malta Gaetano Pace Forno, fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Monti, mill-banda l-oħra, mhux bħal pitturi oħrajn barranin u Maltin, kien irrispetta x-xogħol ta' Calì fl-apside ewlenija, li min-naħa tiegħu kien firex il-kompożizzjoni pittorika tiegħu madwar id-dekorazzjoni settećenteska stil rokokò li kien sab fil-post bla ma neħħiha.

Fl-arzella għalhekk insibu raffigurata s-sejba tas-Salib ta' Kristu u slaleb oħra minn Santa Liena, fil-vjaġġ li kienet għamlet fl-Art Imqaddsa lejn l-aħħar ta' ħajjitha. Hawn l-Imperatriċi tidher, bi lbies diġà Biżantineġġanti fis-sura tiegħu, bl-Isqof ta' Ġerusamlemm Makarju maġenbha, waqt li l-ħaddiema qed iqallbu u jħaffru fost elementi ta' arkitettura klassika. Huma jidhru fost il-ħerba ta' tempju pagan li kważi mitejn sena qabel kien bena l-Imperatur Ruman Adrianu fuq il-post tal-Kalvarju fis-snin tletin tat-tieni seklu wara Kristu. Hija din is-sejba jew kif tissejjaħ ukoll *Invenzjoni* mil-Latin *inventio* li niċċelebraw nhar it-tlieta ta' Mejju – il-festa ta' Santu Kruċ.

Kien ġara li fis-sena 130 WK Adrianu kien żar il-Ġudea u r-rovini ta' Ġerusalemm wara l-ewwel rivolta tal-Lhud tas-snin 66 sa 73 W.K. Huwa beda jibni l-belt mill-ġdid u semmiha *Aelia Capitolina* – għalih innifsu, għax wieħed mill-ismijiet tiegħu kien *Aelius* u għal *Giove Capitolinus* l-alla ewlieni tar-Rumani. Din u miżuri oħra li ħa fil-konfront tal-Lhud, kienu qajmu it-tieni rivolta kontra l-imperu Ruman, li baqgħet assoċjata mal-mexxej Bar Kokba u li l-Imperatur xejjinha biss fis-sena 135 tal-era tagħna, wara massakri kbar u telf kbir ukoll fost il-leġjunarji Rumani, wara tliet snin ta' taqbid.

Għalhekk bil-bini ta' din il-belt u b'miżuri oħra estremi li kien ħa, Adrianu ried jeqred għal kollox il-Ġudaiżmu, li kien il-kawża ta' ribelljonijiet fl-Imperu. U miegħu it-tifkiriet għeżież għall-Insara, għax kien dan l-Imperatur ukoll li qanqal ir-raba' persekuzzjoni.

Jekk wieħed iqabbel il-pittura ta' din l-arzella ma' l-abbozz li l-istess Monti kien ħejja, wieħed jara ċerta differenza. Fuq in-naħa tax-xellug ta' min iħares, fl-abbozz kien hemm maħsub li jkun hemm aktar fdalijiet mit-tempju mwaqqa' fil-għoli, u siġar tal-palm twal. Iżda meta ġie biex ipitter din ix-xena, min-nofs tond ċatt tal-abbozz, għall-għamla konkava tal-arzella, aktarx li Monti ltaqa' ma' diffikultà fir-rendiment tal-i*squarcio*, kif jingħad bit-Taljan, u l-kolonni kienu se jkunu jidhru milwijin 'l barra aktar ma jogħlew 'il fuq. L-istess effett wieħed jista jaraħ fuq in-naħa l-oħra tal-istess arzella, fejn fuq speċi ta' għolja żgħira fl-isfond, hemm xi figuri umani u warajhom tliet kolonni ta' kanatuniera bit-trabeazzjoni ta' fuqhom. U dawn jidhru sporġuti 'l barra min-naħa ta' fuq.

Jidher li qablu Calì, meta pitter l-arzella tal-kor, ukoll iltaqa' ma' diffikultà simili, jekk wieħed iħares sewwa lejn is-salib f'idejn dak l-anġlu mtajjar ħdejn il-figura ta' Santa Liena, fuq in-naħa tax-xellug ta' min iħares lejn dan ix-xogħol.

Fix-xena li jmiss fit-troll tal-kappellun tal-Kurċifiss hemm raffigurat l-intervent mirakoluż li bih kien magħruf is-salib veru ta' Kristu, minn fost l-għuwied ta' patiboli li kienu nstabu. Imbagħad jekk ngħaddu minn taħt il-koppla għall-kappellun ta' biswit, jiġifieri dak tal-Madonna tar-Rużarju, fil-kwadru tat-troll Monti tana r-rappreżentazzjoni mistħajla tiegħu tal-mewt ta' Santa Elena, imdawra bil-familjari tagħħa.

Sfortunatament, dawn l-aħħar żewġ xeni msemmija kienu fost l-aktar li sofrew ħsara maż-żmien, minħabba li partijiet mill-*intonaco* kienu ddistakkaw ruħhom minn mal-ġebla u waqgħu, hekk li partijiet sinifikanti mill-oriħinal intilfu. Imnalla kienu l-abbozzi li l-Kapitlu kien akkwista mingħand il-familjari ta' Monti fl-1961, biex Samuel Bugeja seta' jirrestawra d-dehra li oriġinarjament kienet ħarġet mill-ispirazzjoni tal-pittur minn Genzano.

L-aħħar xena li jonqos nitkellmu fuqha hija dik tal-arzella tal-kappellun tar-Rużarju. Din turi t-transulazzjoni solenni tar-relikwija tas-Salib Imqaddes mill-Imperatur tal-Lvant (Biżanzju) Erakliju fil-Bażilka tal-Qabar Imqaddes ta' Ġerusalemm minn fejn kienet ittieħdet mill-Persjani, ta' żmien ir-Re Kosros. Dawn xi snin qabel kienu invadew dawk il-provinċji tal-imperu tal-Lvant waqt li f'dan kienet għaddejja gwerra ċivili. Erakliju bl-armata tiegħu kien reġġa' lura lill-Persjani u fil-battalja deċisiva ta' Ninwe, kien qatel ukoll lill-ġeneral ewlieni tagħhom Rhahzadh, u mhux lir-Re





Kosros, kif ġieli jingħad. Dan qatt ma mexxa t-truppi hu, u eventwalment kien imneħħi minn Re minn niesu stess wara li ma riedx jagħmel paċi mal-Imperatur Erakliju, li kien wasal bl-armata tiegħu qrib il-belt kapitali tagħhom Ktesifon. Din hija r-rikorrenza li tiġi ċċelebrata liturġikament nhar l-14 ta' Settembru, fil-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

B'dawn ix-xogħlijiet fil-kappelluni tal-Kolleġġjata u Bażilika ta' Santa Elena ta' Birkirkara, Virginio Monti temm il-ħidma tiegħu fis-sena 1910. Hekk l-opra tiegħu kienet kompluta meta fis-7 ta' Awissu ta' dik is-sena, fl-istess Kolleġġjata kienet saret l-inkurunazzjoni solenni tal-kwadru ta' Sidtna Marija tal-Herba. Dak iż-żmien dan is-santwarju kien għadu l-anqas tkabbar għal kif narawh illum.

Għalhekk is-sena d-dieħla se jkun għeluq iċ-ċentinarju, kemm mit-tlestija tal-opra ta' Monti kif ukoll tal-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Herba. Ma' dawn nistgħu ngħaqqdu wkoll iċ-ċentinarju tal-Oratorju, illum immexxi mis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Dan kien inbena fl-istess sena, bit-tħabrik tal-Kanonku Karkariż Dun Mikiel Sammut, u nistgħu ngħidu li kien ħareġ minn għaqda għat-tagħlim tad-Duttrina, li kienet tuża s-Santwarju bħala oratorju jew post għat-tagħlim nisrani għas-subien.




# JOE FALZON

Undertaker

TAL-FUNERALI TAL-MOSTA
NIGHT & DAY SERVICE

Residence: 'Rosemarie', 35, Bridge Street, Mosta
Office: 39, Bridge Street, Mosta

Tel: 2141 1207 – 2141 1828 • Fax: 2142 0877
Mobile: 9949 0142, 9949 8056